Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/2135(INI)

30.9.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2024 u fl-2025
(2025/2135(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Anna Strolenberg

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 11

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2024 u fl-2025 (2025/2135(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta),

– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE),

wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media)[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")[3](id-Direttiva Anti-SLAPP),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni[4] (ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)[5],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas 2008/913/ĠAI tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali[6],

---

[1] ĠU L, 2024/1385, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj.
[2] ĠU L, 2024/1083, 17.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1083/oj.
[3] ĠU L, 2024/1069, 16.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1069/oj.
[4] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj.
[5] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj.
[6] ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2008/913/oj.

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008 għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426)(id-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni),

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika[7],

– wara li kkunsidra l-istrateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (COM(2020)0698), l-istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2020-2025 (COM(2020)0152), l-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030 (COM (2021)0101), il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 (COM(2020)0565), il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni 2020-2030 (COM(2020)0620), u t-tħabbira mill-Kummissjoni li taġġornahom u ssaħħaħhom,

– wara li kkunsidra l-istrateġija tal-UE biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (COM(2020)0711) u r-rapporti annwali tal-Kummissjoni, b'mod partikolari r-Rapport Annwali tal-2024 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE – Finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali (COM (2024) 0456),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2024 bit-titolu "Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" (COM(2024)0800) u tat-8 ta' Lulju 2025 bit-titolu "Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" (COM(2025)0900), u s-27 Kapitolu tal-Pajjiżi annessi magħhom,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2025 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa" (COM(2025)0097), li tiddeskrivi viżjoni fit-tul biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,

– wara li kkunsidra t-trattati u l-istrumenti tan-NU dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, ir-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tar-Rieżami Perjodiku Universali tan-NU, u l-ġurisprudenza tal-korpi tat-trattati tan-NU u l-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) li ġiet ratifikata mill-UE fit-23 ta' Diċembru 2010 u li għaliha l-Istati Membri kollha huma partijiet, il-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD li ġie ratifikat minn 22 Stat Membru, kif ukoll il-kummenti ġenerali dwar is-CRPD u l-osservazzjonijiet tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità,

[7] ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/43/oj.

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),

– wara li kkunsidra l-Prinċipji ta' Yogyakarta dwar l-applikazzjoni tad-Dritt Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Kummissarju Għoli għall-Minoranzi Nazzjonali, tar-Rappreżentant għal-Libertà tal-Media u ta' korpi oħra tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet, l-opinjonijiet, ir-rapporti u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari tal-Kummissjoni ta' Venezja, tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI), tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (GREVIO), tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO), tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni, id-Diversità u l-Inklużjoni, tal-Assemblea Parlamentari, tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u ta' korpi oħra tal-Kunsill tal-Ewropa

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, ir-rapporti u ż-żjarat fil-pajjiżi tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, inkluż ir-rapport tiegħu tal-4 ta' Settembru 2025 bit-titolu "Externalised asylum and migration policies and human rights law" (Politiki esternalizzati dwar l-ażil u l-migrazzjoni u l-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem),

– wara li kkunsidra l-Pjattaforma għas-Sikurezza tal-Ġurnalisti tal-Kunsill tal-Ewropa,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), li ġiet irratifikata mill-Unjoni Ewropea fit-28 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa,

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapporti, l-istħarriġ u l-opinjonijiet tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), b'mod partikolari r-Rapport tagħha għall-2024 dwar id-Drittijiet Fundamentali u r-Rapport tagħha għall-2025 dwar id-Drittijiet Fundamentali,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar Stati Membri speċifiċi, inklużi l-Greċja,

l-Ungerija u s-Slovakkja,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Frar 2024 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2022 lejn drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabbiltà[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Novembru 2022 dwar il-ġustizzja razzjali, in-nondiskriminazzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu fl-UE[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2022 dwar l-ispazju jiċkien tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa[11],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru: il-vjolenza ċibernetika[12],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta' kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE[13], u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar l-estensjoni tal-lista ta' reati fl-UE għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda[14],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali[15],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2025),

A. billi qed jiġi osservat rigress demokratiku f'diversi Stati Membri;

B. billi l-korruzzjoni tibqa' problema serja ħafna;

C. billi l-libertà tal-media madwar l-UE għadha mhedda, b'mod partikolari fil-Bulgarija, fil-Greċja, fl-Italja, fl-Ungerija u fis-Slovakkja; billi l-kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs) għadhom theddida għal-libertà tal-media;

D. billi l-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media qed ibatu minn kundizzjonijiet prekarji u

[8] ĠU C, C/2024/6340, 7.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6340/oj.
[9] ĠU C 177, 17.5.2023, p. 13.
[10] ĠU C 161, 5.5.2023, p. 10.
[11] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 2.
[12] ĠU C 251, 30.6.2022, p. 2.
[13] ĠU C 117, 11.3.2022, p. 88.
[14] ĠU C, C/2024/5733, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5733/oj.
[15] ĠU C 395, 29.9.2021, p. 2.

ambjent mhux sikur;

E. billi t-tixrid tad-diżinformazzjoni jippolarizza u jdgħajjef id-demokrazija;

F. billi t-teknoloġiji ġodda, inklużi s-sistemi tal-IA, jirriskjaw li jiggravaw id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi eżistenti; billi l-użu ta' software ta' spjunaġġ, ir-rikonoxximent tal-wiċċ u t-teknoloġiji ta' sorveljanza tal-massa jirrappreżentaw prattiki abbużivi u mhux demokratiċi;

G. billi l-konformità mal-valuri tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE hija prerekwiżit fundamentali biex jiġu aċċessati l-fondi tal-UE;

H. billi l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa jirrakkomanda li jsiru valutazzjonijiet tar-riskju komprensivi dwar id-drittijiet tal-bniedem qabel involviment f'kooperazzjoni esterna;

I. billi t-tentattivi biex tiġi sospiża r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil hija kwistjoni ta' ħassib serju; billi d-drittijiet tal-bniedem tal-persuni kkonċernati jridu jiġu rispettati, il-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom iridu jiġu vvalutati, u dawk li jikkwalifikaw għal protezzjoni internazzjonali jeħtiġilhom jingħataw aċċess għal miżuri ta' protezzjoni sinifikanti;

J. billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa u l-persuni LGBTIQ+ għadha mifruxa, b'mod partikolari għal dawk li jesperjenzaw forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni; billi ċ-ċaħda tal-aċċess għal servizzi ta' abort sikur u legali hija forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru;

K. billi hemm attakk bla preċedent u intensifikat fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE; billi l-attakki fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) u fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-Unjoni żdiedu u jibqgħu kwistjoni ta' ħassib serju;

L. billi f'xi Stati Membri, bħal Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, il-Polonja u Spanja, l-OSĊ u d-DDB iffaċċjaw prosekuzzjoni minħabba li assistew lir-rifuġjati u lill-migranti;

M. billi l-finanzjament tal-UE għas-soċjetà ċivili għandu jiġi żgurat fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss;

N. billi r-razziżmu istituzzjonalizzat għandu l-għeruq fil-politiki governattivi u fis-servizzi pubbliċi bħall-forzi tal-pulizija;

O. billi l-istħarriġ tal-FRA dwar il-persuni suwed, il-Lhud, il-Musulmani u l-persuni LGBTIQ+ fl-UE juri li dawn jesperjenzaw mibegħda mifruxa;

Drittijiet fundamentali f'riskju

1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta;

3. Jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni;

Id-demokrazija taħt stress

4. Itenni l-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;

5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO;

6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku;

7. Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti u tal-atturi tal-media u jippromwovu media ħielsa, indipendenti u pluralistika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex itemmu l-każijiet SLAPP kollha fl-UE;

9. Jikkondividi l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx jikkontrollaw dak li jaraw in-nies u li l-kumpaniji tat-teknoloġija għandhom jużaw mudelli ta' negozju li ma jagħtux prijorità lill-involviment qabel id-drittijiet tal-bniedem;

10. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri, u b'mod partikolari lill-Greċja, lil Ċipru, lill-Italja, lill-Ungerija, lill-Polonja u lil Spanja, biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta u tal-Kummissjoni ta' Venezja bil-għan li jinvestigaw l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (PEGA);

11. Jappella biex l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) tiġi finalizzata;

Ksur tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri

12. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri, inklużi l-push-backs li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri;

13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u joqogħdu lura milli jadottaw politiki ta' migrazzjoni li jiggravaw l-inugwaljanza u l-esklużjoni;

14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtemmu t-tfixkil sistematiku tal-isforzi ta' tiftix u salvataġġ (SAR) li jsiru minn entitajiet mhux governattivi; ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit fond tal-UE għat-tiftix u s-salvataġġ u jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jallokaw finanzjament xieraq għal dan il-għan fil-QFP li jmiss;

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa; jikkundanna bil-qawwa r-retorika

rikorrenti kontra r-rifuġjati u kontra l-migranti;

16. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil; jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' tħejjija minn xi Stati Membri biex jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali;

Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet;

18. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa u d-Dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri annessa miegħu; jiddispjaċih, madankollu, għan-nuqqas ta' impenji finanzjarji b'saħħithom;

19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tagħhom, inkluża l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala reat ġdid tal-UE skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE;

20. Itenni l-appell tiegħu biex id-dritt għall-abort jiġi inkluż fil-Karta; jenfasizza li għad m'hemmx definizzjoni tal-UE ta' stupru, liema dfinizzjoni hija bbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens;

21. Jistieden lill-Bulgarija, liċ-Ċekja, lill-Ungerija, lil-Litwanja u lis-Slovakkja jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul;

Soċjetà ċivili mhedda

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw u jippromwovu l-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-OSĊ fit-tfassil tal-politika;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida fl-UE biex dawn jiġu appoġġjati;

24. Jikkundanna bil-qawwa l-kriminalizzazzjoni kontinwa tas-solidarjetà u jħeġġeġ lill-Istati Membri joqogħdu lura milli jagħmlu dan;

25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li jista' jkollha effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku;

Razziżmu u diskriminazzjoni strutturali

26. Itenni l-appell tiegħu biex id-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni tiġi żblukkata;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġiji ambizzjużi dwar l-ugwaljanza u l-ġlieda

kontra r-razziżmu;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-ksenofobija, ir-razziżmu, il-misoġinija, l-omofobija, it-transfobija u forom oħra ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u mibegħda kontra persuni vulnerabbli;

29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari l-Ungerija u s-Slovakkja, jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, inklużi l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni;

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali li jiffaċċjaw il-persuni ta' oriġini Romani u l-persuni b'diżabbiltà;

Drittijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi f'riskju

31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw standard ta' għajxien adegwat u ambjent b'saħħtu għal kulħadd, inkluż l-aċċess għall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni ta' kwalità, is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa;

32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Id-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea kienu jinsabu taħt pressjoni dejjem akbar minn fronti differenti fis-snin 2024 u 2025. It-theddid għall-istat tad-dritt, l-ispazju ċiviku li qed jiċkien, iż-żieda fid-diskors ta' mibegħda u n-narrattivi ksenofobiċi, il-vjolenza kontra r-rifuġjati u l-migranti, u l-fatt li d-drittijiet tan-nisa u tal-persuni LGBTQ+ qed jiddgħajfu juru xejra inkwetanti.

Din l-erożjoni tad-drittijiet fundamentali ġiet iggravata minn inugwaljanzi soċjoekonomiċi li għadhom hemm. Filwaqt li tkompli l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-attakki fuq Gaża jippersistu, aktar mexxejja juru mġiba awtokratika, u d-drittijiet fundamentali qed ikunu dejjem aktar taħt pressjoni. F'dawn iż-żminijiet ta' tensjoni, hemm riskju reali li d-drittijiet fundamentali jitwarrbu minn fuq l-aġenda politika.

Preċiżament f'mumenti ta' instabbiltà, huwa kruċjali li jitfakkru l-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea: id-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kollha minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fit-Trattati tal-UE. Ir-rispett ta' dawn il-prinċipji mhuwiex biss obbligu legali għall-istituzzjonijiet tal-UE u għall-Istati Membri, iżda wkoll dak li jagħmel lill-Ewropa proġett politiku uniku bil-benesseri taċ-ċittadini fil-qalba tiegħu. L-UE jeħtiġilha ma ċċedix fuq dawn il-pedamenti. Id-drittijiet fundamentali mhumiex statiċi; dawn jeħtieġu promozzjoni u implimentazzjoni attivi.

L-attakki fuq l-ispazju ċiviku madwar l-Ewropa huma wieħed mis-sinjali ta' kemm qed tiddgħajjef id-demokrazija. Ir-restrizzjoni reċenti għad-dritt għal għaqda paċifika, b'mod partikolari projbizzjonijiet fuq protesti favur il-Palestina u avvenimenti Pride, kif ukoll ir-repressjoni u l-kriminalizzazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) u tal-NGOs li jaħdmu mar-rifuġjati, mal-applikanti għall-ażil u mal-migranti jistabbilixxu preċedenti perikoluży. Dan huwa intensifikat mir-restrizzjonijiet ta' finanzjament mill-Istati Uniti u mill-UE għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Ir-Rapporteur hija mħassba dwar il-polarizzazzjoni u l-frammentazzjoni dejjem akbar tas-soċjetajiet Ewropej, spiss xprunati minn atturi politiċi populisti. It-twaħħil ta' ħtijiet fuq minoranzi, l-isfruttament tal-politika tal-identità, u t-tixrid tad-diżinformazzjoni jaqsmu l-komunitajiet u jnaqqru l-fiduċja. Il-politiċi u l-gvernijiet għandhom id-dmir li jirrispettaw l-istandards demokratiċi u joqogħdu lura minn retorika li tħeġġeġ il-mibegħda, ir-razziżmu u l-vjolenza.

Il-bidla diġitali rapida u l-intelliġenza artifiċjali jiggravaw dawn ir-riskji, peress li t-tixrid mhux ikkontrollat tad-diskors ta' mibegħda u ta' kontenut dannuż online, flimkien ma' algoritmi preġudikati u disinn manipulattiv, idgħajfu l-ugwaljanza u l-ħajja ċivika. Dan it-theddid sar partikolarment viżibbli matul l-elezzjonijiet Ewropej, meta r-rapporti sabu żieda fid-diskors ta' mibegħda online, fil-vjolenza u fit-theddid ta' mewt f'diversi Stati Membri[1]. Barra minn hekk, is-servizzi tas-sigurtà f'xi pajjiżi wissew dwar ir-radikalizzazzjoni rapida online taż-żgħażagħ, b'mod partikolari fi ħdan networks estremisti tal-lemin. Fl-aħħar nett, l-indħil barrani fil-proċessi elettorali huwa eżempju ċar ta' kif il-pjattaformi online jistgħu jintużaw bħala arma biex idgħajfu d-demokrazija.

Fis-snin li ġejjin, l-Unjoni jeħtiġilha ġġedded il-pedamenti demokratiċi tagħha, issaħħaħ il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, u tpoġġi l-ugwaljanza, il-ġustizzja u s-sostenibbiltà fil-qalba tal-politiki tagħha. Huwa biss billi tiddefendi u tavvanza b'mod attiv id-drittijiet li l-UE tista'

[1] OSKE: ODIHR, Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew 6–9 ta' Ġunju 2024 – rapport finali tal-ODIHR dwar il-missjoni speċjali ta' evalwazzjoni għall-elezzjoni, Varsavja, 2024, p. 15.

tibni mill-ġdid il-fiduċja fl-istituzzjonijiet tagħha, u tibqa' kredibbli fuq ix-xena internazzjonali.

Approċċ mir-Rapporteur

B'dan ir-rapport, ir-Rapporteur tfittex li tenfasizza l-iżviluppi ewlenin fl-istat tad-drittijiet fundamentali fl-UE matul l-2024 u l-2025.

It-tul limitat tar-rapporti fuq inizjattiva proprja jirrikjedi li tingħata prijorità, iżda dan ma jfissirx li ċertu temi ta' tħassib li ma ssemmewx huma anqas importanti. Dan it-test jipprovdi qafas ġenerali li jista' jiġi arrikkit aktar u li se jiġi arrikkit aktar matul l-istadju fejn jiġi emendat.

L-istruttura

L-abbozz ta' rapport huwa strutturat madwar raggruppamenti ta' drittijiet fundamentali. Filwaqt li l-ewwel parti tar-Rapport tipprovdi ħarsa ġenerali tat-tħassib ewlieni dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE, il-kapitoli individwali jinkludu sejħiet konkreti għal azzjoni sabiex ir-rapport isir kemm jista' jkun prattiku, iffukat u attiv.

Dawn huma l-kapitoli ewlenin:

Drittijiet fundamentali f'riskju

Dan il-kapitolu jinkludi sejħiet ġenerali biex id-drittijiet fundamentali jiġu rispettati, inkluż pereżempju l-promozzjoni tal-valuri tal-UE.

Id-demokrazija taħt stress

Dan il-kapitolu jindirizza r-rigress f'diversi Stati Membri, inkluż it-theddid għall-indipendenza ġudizzjarja, il-korruzzjoni f'livell għoli, l-użu ħażin tas-software ta' spjunaġġ, u d-dgħufija tad-drittijiet parlamentari. Jenfasizza wkoll ir-riskji għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media, it-tixrid tad-diżinformazzjoni, u l-abbuż tas-setgħat ta' emerġenza.

Ksur tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri

Dan il-kapitolu jkopri, fost l-oħrajn, push-backs, vjolenza sistemika, u politiki ta' esternalizzazzjoni li jdgħajfu l-aċċess għall-ażil u jiksru n-non-refoulement. Jappella għar-responsabbiltà u għall-azzjoni tal-UE biex jiġi żgurat li l-ġestjoni tal-migrazzjoni tirrispetta d-dinjità tal-bniedem.

Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+

Dan il-kapitolu jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż il-movimenti kontra l-ġeneru. Jappella għall-protezzjoni tad-drittijiet sesswali u riproduttivi, għall-inklużjoni tad-dritt għall-abort fil-Karta, u għal salvagwardji aktar b'saħħithom kontra l-mibegħda u d-diskriminazzjoni għall-persuni LGBTIQ+.

Soċjetà ċivili mhedda

Dan il-kapitolu jkopri r-restrizzjonijiet bla preċedent fuq l-ispazju ċiviku. Jappella għal finanzjament sostenibbli tal-UE għall-OSĊ u l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

Razziżmu u diskriminazzjoni strutturali

Dan il-kapitolu jindirizza r-razziżmu u d-diskriminazzjoni sistemiċi. Jappella għall-adozzjoni tad-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni, għal strateġiji ta' ugwaljanza aktar b'saħħithom, u għall-infurzar tal-liġi tal-UE kontra d-diskriminazzjoni.

Id-drittijiet ambjentali, soċjali, ekonomiċi u kulturali f'riskju

Dan il-kapitolu jenfasizza ż-żieda fil-faqar, l-esklużjoni mis-settur tal-akkomodazzjoni, u l-problema ta' persuni mingħajr dar bħala tħassib dwar id-drittijiet fundamentali. Jenfasizza d-dritt għal ambjent sostenibbli u jappella għal tranżizzjoni ġusta.